Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 62/2003

**L-Avukat Dr Albert Libreri bhala mandatrju tal-imsiefra Vincenza Gwynn, l-avukat Melvyn Mifsud bhala mandatarju tal-imsiefra Mary Theuma u b'digriet tal-11 ta' Novembru 2015, Theresa mart Louis Xuereb, Edward Gruppetta, Marie Louise mart Joseph Cardona u Albert Gruppetta u b'digriet tat-28 ta' Settembru 2016 il-qorti awtorizzat lil Tyrone Bileci sabiex jassumi l-atti tal-kawza minflok ir-rikorrenti Vincenza Gwynn, Theresa Xuere, Edward Gruppetta, Marie Louise Cardona u Albert Gruppetta (appellati)**

**Vs**

**Emmanuel sive Noel Bileci (appellant)**

28 ta' Marzu, 2017.

1. B'rikors prezentat fil-15 ta' Lulju, 2003 Emanuel Bileci appella mis-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tat-2 ta' Ottubru, 2014 li biha laqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-izgumbrament tal-inkwilin mill-fond 82, Triq San Bastjan, Qormi minhabba li kien biddel id-destinazzjoni tal-kirja peress li ma baqax jaghmel uzu mill-fond. Quddiem il-Bord l-appellat kien iddefenda ruhu billi argumenta li mill-fond kien jahdem bhala parukkier u li l-fond baqa' jintuza ghal dan il-ghan b'mod regolari, ghalkemm kien hemm perjodu meta ma setax jahdem minhabba ragunijiet ta' sahha.

2. Fis-sentenza l-Bord qal li:

    i. Ir-rikorrenti kienu ressqu provi li juru li l-fond kien maghluq fil-perjodu bejn l-1999 u l-2003, billi xehedu tnejn mir-rikorrenti, rapprezentanti tal-Go plc, Water Services Corporation, Employment Training Corporation u l-meter reader.
    ii. B'dawk il-provi, l-oneru tal-prova ghadda fuq l-intimat li qal li kien hemm perjodu qasir meta l-fond kien maghluq minhabba problemi f'sahhtu.
    iii. Ma kien xejn konvint mill-verzjoni li ta l-intimat dwar ir-raguni ghalfejn il-VAT returns ghas-snin 1999 u 2000 kien iddikjara dhul NIL. Il-Bord zied li ghal dak li jirrigwarda l-allegati problem ta' sahha, kien fis-sena 2009 li kellu intervent biex jitnehhewlu vini minn saqajh. Ghal dak li jirrigwarda l-allegat problem f'dahru, hemm biss il-verzjoni tal-intimat, neputi, ibnu u tal-habib tal-garr tieghu. Ghal dak li jirrigwarda dokumenti kull ma pprezenta hi ricevuta ta' hlas lil specjalist, u li meta

kien mistoqsi biex jipprezenta iktar dokumenti qal li l-ispecjalist qallu li ma johrogx certifikati.

iv. Wara li r-rikorrenti pprezentaw il-kawza, il-konsum tad-dawl u ilma rega' ghan-normal fl-istess sena u n-neputi ghamel course dwar hairdressing u f'Novembru, 2003 dahal jahdem mal-intimat.

v. Fis-sentejn li huma l-iktar krucjali ghall-kawza, irregistra NIL return mad-Dipartiment tal-VAT li qal li kien dovut ghal zball ghaliex hekk tawh parir jaghmel l-impjegati tad-Dipartiment billi l-accountant kien indispost. Il-Bord osserva wkoll kif lanqas ma harrek lill-accountant u lit-tabib li suppost kien qed jikkurah.

3. L-intimat appella u l-aggravji huma:

   i. Kien hemm gustifikazzjoni ghalfejn ghamel zmien maghluq, minhabba ragunijiet medici.
   ii. Gie ppruvat li kien hemm apprezzament fil-valur tal-fond billi hemm tlett parukkiera jahdmu.
   iii. Il-fond gie refurbished. Din turi l-volonta li jibqa' miftuh.
   iv. L-intimat ressaq provi li kellhom iwasslu lill-Bord biex jilqa' d-difiza tieghu.

4. L-appellati wiegbu li bhal Bord din il-qorti ghandha tasal ghal konkluzjoni li l-fond inzamm maghluq ghal numru ta' snin, u jekk sar xi uzu minnu dan kien ta' entita wisq zghira sabiex tigi michuda t-talba tas-sidien biex jiehdu lura l-fond taht idejhom.

5. L-appellant enfasizza li kemm jista' jkun il-Bord ghandu jevita l-izgumbrament u mhux bil-kontra. Il-Bord jiddeciedi fuq il-provi li jressqu l-partijiet, u hekk ghamel f'dan il-kaz u kkonkluda li l-verzjoni tal-intimat ma kinitx kredibbli. Mir-ragunament tal-Bord hu evidenti li dan il-kaz ma kien inissel l-ebda dubju ghalih u l-Bord kien moralment konvint li l-intimat ma kienx kredibbli fil-verzjoni li ta.

6. L-appellant argumenta wkoll li l-fond ma sofra ebda deprezzament tant li l-hanut baqa' jattira klijentela dejjem aktar numeruza. Sabiex sid jirnexxi f'kawza biex ma jgeddidx il-kirja minhabba non-uzu, m'ghandu l-ebda htiega li jaghti prova li sehh deprezzament fil-valur tal-fond bhala fond avvjat fin-negozju.

7. L-appellant isostni li ghamel *refurbishment* fil-fond ferm qabel ma giet prezentata l-kawza. Fil-fatt xehed li fis-sena 2000, *"…. kont fil-fatt irrinovajt u biddilt il-hanut kollu"* (fol. 110). Pero' hemm biss il-kelma tieghu ghaliex ma pprezentax ricevuti u lanqas ma ndenja ruhu jharrek lill-persuni li suppost ghamlu x-xoghol fil-fond. Hu veru li xehed li ma kienx jaf fejn pogga r-

ricevuti. Jekk dan hu veru ma kien hemm xejn li jzommu milli jharrek lill-persuni li hadmu fil-fond. In kontro-ezami xehed li x-xoghol li sar kien jikkonsisti f'tqeghid ta' madum gdid, tapezzerija, sinkijiet godda, dawl u ilma. Pero' m'hemmx provi sodisfacenti li dawn ix-xogholijiet saru kollha fis-sena 2000. Hu stess xehed, li kien jaghmel tibdil kull hames snin, u li fl-1987 beda juza l-fond bhala salon.

8. L-appellant qal ukoll li, *"…. d-dokumenti GB9 sa GB16 huma ritratti li **jiena kont hadt meta rcevejt il-kawza** ghaliex ma stajtx nemmen li bdew jallegaw li riduh lura ghaliex ma kontx qed nuzah"*. Pero' r-ritratti li pprezenta ghandhom stampat fuqhom id-data 8.2.2010, u l-appellant ma tax spjegazzjoni ghalfejn din id-diskrepanza bejn dak li xehed u d-data stampata fuq ir-ritratti. Sahansitra fir-rikors tal-appell wasal biex ighid li r-ritratti ttiehdu fi zmien meta ma kellux *"(….) hjiel tal-kawza li ser jircievi snin wara"*. Hawn hu evidenti li l-appellant nesa x'kien xehed dwar ir-ritratti. Li r-ritratti ma ttiehdux qabel jew hekk kif l-appellant gie notifikat bil-kawza, jirrizulta mill-affidavit ta' Giorgio Bileci li sar tas-7 ta' April 2010:

*"Madwar sena ilu ergajna dorna l-hanut u kif jidher fir-ritratti mmarkati GB17 sa GB22 , tajna zebgha gdida l-hanut u biddilna xi ghamara sabiex inzommu l-hanut aktar modern u jilqak"*.

Ir-ritratti li pprezenta x-xhud huma l-istess ritratti li pprezenta l-appellant. Li kieku kif qal l-appellant ir-ritratti ttiehdu qabel il-kawza jew fis-sena 2003, ma kinux ikunu l-istess bhal dawk li pprezenta Giorgio Bileci biex juri x'kien sar fil-fond xi sena qabel. Cirkostanza li tkompli xxellef il-kredibilta tal-appellant.

9. L-appellant xehed ukoll li:

*"Bejn is-sena 2000 u 2003 jiena kelli ugiegh kbir f'dahri u kont nahdem wahdi fil-fond Relax Salon u ghalhekk kull meta nkun mugugh ma kelli l-hadd sabiex niftah il-hanut*

*Assolutament mhux minnu li l-hanut ma kienx jinfetah kif ippruvaw jghidu l-atturi"*.

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:

i. Fil-formoli tal-VAT ghall-perjodi l-1 ta' Settembru 1999 sal-31 ta' Awissu 2000 u l-1 ta' Settembru 2000 sal-31 ta' Awissu 2001, l-intimat iddikjara li ma kienx hemm dhul. Dan fih innifsu hu wkoll prova li l-fond ma kienx qieghed jintuza ghan-negozju. Ghalkemm l-appellant iddikjara li *"(….) kien hemm perjodi saltwarji u sporadici fejn huwa ma setax jiftah il-fond minhabba ragunijiet ta' sahha relatati ma' ugiegh f'dahru u vini f'saqajh li kienu jehtiegu operazzjoni"* (fol. 2), id-dikjarazzjoni li ma kellux dhul fl-imsemmija perjodi tikkontradici l-affermazzjoni li kienu rari l-okkazzjonijiet meta l-hanut inzamm maghluq. In kontro-ezami xehed ukoll li dan kien perjodu meta l-accountant George Muscat li kien jaqdieh, ma kienx jiflah.

Pero' naqas milli jharrku bhala xhud ghal finijiet ta' korroborazzjoni. Zied li kienu ufficjali tad-Dipartiment li mlewlu l-formoli u li, *"(....) mhux korrett illi hemmhekk huwa indikat illi jiena ma qlajt xejn, bilfors hemm xi haga hazina"*. Hawn ukoll il-qorti tqies bhala *far fetched* li l-intimat ighid li kien qieghed jiftah il-hanut u jaghmel dhul, u madankollu ufficjali tad-Dipartiment jiktbu "0" ghal dak li jirrigwarda t-*taxable services*.

ii. Sahansitra fis-seduta tat-23 ta' April, 2012 xehed li fir-rigward tal-imsemmija perjodi*, "(....) nghid illi sal-lum la ghandi spjegazzjoni u lanqas dokumenti biex nuri illi fil-fatt ghamilt qliegh f'dak il-perjodu"* (fol. 216). Ladarba l-intimat ma ressaqx provi konkreti li juru li kellu dhul min-negozju ta' parukkier fil-perjodu in kwistjoni, ma jistax jippretendi li l-Bord kellu joqghod fuq il-kelma tieghu. Dan meta minn fatti li graw fil-perjodu in kwistjoni, il-verzjoni tal-appellant hi kontradetta.

iii. L-intimat ma ressaq prova li fil-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2000 u 30 ta' April 2003 kellu dhul min-negozju, filwaqt li kull ma ddikjara ghall-perjodu tal-1 ta' Mejju 2003 sal-31 ta' Dicembru 2003 kienet is-somma ta' €919.72 (fol. 185).

iv. Fir-rigward tal-kundizzjoni medika, l-intimat ma pprezenta l-ebda certifikat mediku mahrug matul l-imsemmi perjodu. Qal ukoll li kien qieghed jigi kkurat minn Dr Zrinzo, pero' lanqas harrku bhala xhud sabiex jaghti dettalji dwar il-kundizzjoni medika. Il-htiega li jharrku kienet ikbar meta xehed: *"Mistoqsi jekk ghandhiex certifikati medici dwar il-problemi ta' dahri nghid illi kont mort ghand it-tabib Zrinzo u qalli 'jien ma nohrogx certifikati'"*. Dan ovvjament jekk wiehed jemmen li t-tabib qallu dawk il-kliem, fatt li din il-qorti ma tqies li hu verosimili. L-appellant ipprezenta biss kopja ta' ricevuta fiskali wahda ghal €40 bid-data tal-10 ta' Awissu 2000 (fol. 118) u dak li jidhru li huma notamenti medici li m'humiex decifrabbli hlief ghal isem l-intimat, l-eta u li hu *"car dealer"*. Fid-dokument ma jissemmiex li l-intimat hu parukkier.

10. Ghalkemm Grezzju Abela xehed (fol. 148):

*"Niftakar li kien hemm zmien fejn gieli kellu jaghlaq il-hanut ghaliex kien ikun mugugh wisq izda* ***dawn kienu drabi 'l hawn u 'l hemm*** *u nhar ta' Sibt u Gimgha dejjem ra kif ghamel u ghalkemm mugugh, kien jiftah xorta"*.

Sahansirta in kontro-ezami xehed, *"(....) ghamel xi zmien ma jiftahx ghaliex ma kienx jiflah. Kien ghamel perjodu ta' cirka tlett gimgha maghluq"*.

Pero' kif rajna, il-provi juru mod iehor. Ghalhekk hu evidenti li x-xhud kien qieghed jaghmel hiltu biex ighin lill-intimat u ma kienx fidil lejn il-verita.

11. Hu veru li l-appellant ipprezenta l-formoli tal-VAT ghall-parti mis-sena 2003 u s-snin 2004 sal-15 ta' Lulju, 2011. Pero' dawk jirreferu ghall-perjodi wara li bdiet il-kawza. Li hu rilevanti hu x'kien l-istat ta' fatt qabel il-15 ta' Lulju, 2003 li hi d-data meta s-sidien ipprezentaw il-kawza.

12. Hemm ukoll prova li fil-perjodu in kwistjoni, il-meter tad-dawl u ilma ma kienx qieghed jinqara. Il-fatt li l-appellant qal li kien jiftah fid-9 ta' filghodu m'hijiex gustifikazzjoni. Fil-fatt jirrizulta li minn Awissu, 2004 il-meters regghu bdew jinqraw. Dan apparti li l-meter reader kien Alfred Azzopardi, li xehed li qari ta' meters tal-hwienet kien jibda mid-9.15 sal-11.15 ta' filghodu. Dan apparti li l-Bord qies ukoll il-konsum baxx ta' elettriku li rrizulta li kien hemm fuq perjodu ta' hames snin (fol. 243)[1], u gustament kkonkluda li l-konsum kien insinifikanti. Jekk wiehed jaghmel l-istess ezercizzju fir-rigward tal-konsum tal-ilma, jasal ghall-istess konkluzjoni. L-appellant argumenta li, *"(....) meta jittiehed reading u dan jinqasam fuq id-diversi xhur, jirrizulta f'konsum baxx minhabba proprju nuqqas ta' uzu fil-prattika tax-xoghol ta' parukkier"*. Din hi asserzjoni xejn kredibbli meta tikkunsidra l-konsum ferm baxx. Pero' jidher li kien nesa li fis-seduta tat-23 ta' April, 2012 kien attribwixxa konsum ta' dawl baxx ghal fatt li *"(...) dak kien l-aktar perjodu li kelli problem f'dahri, allura f'dak il-perjodu jiena ma kontx niftah ta' spiss"*. Verzjoni li m'hijiex korraborata minn provi indipendenti li l-appellant facilment seta jressaq kieku ried verament jikkonvinci lill-Bord.

13. Ghalkemm l-appellant qal li jista' jkun li kien hemm xi hsara fil-meter, m'hijiex prova. Il-Bord ghamel ukoll riferenza ghal fatt li mix-xhieda ta' rapprezentant tas-socjeta Go plc kien irrizulta li ghalkemm kien hemm telefon fil-fond, fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 sal-1 ta' Frar 2002 ma sarx uzu mit-telefon. Dawn huma kollha provi li jsahhu l-verzjoni li taw ir-rikorrenti Therese Xuereb u Vincenza Gwynn. Inoltre, ghalkemm Gynn tghix barra minn Malta ma jfissirx li ma kellhiex titwemmen gialadarba mill-provi rrizulta li kienet tigi Malta darbtejn fis-sena u ddum xahar.

14. Hu fatt ukoll li kien wara li l-appellant gie notifikat bil-kawza (21 ta' Lulju, 2003) li:

    i. Fl-1 ta' Novembru 2003 impjega lil Giorgio Bileci bhala *hairdresser* fil-fond;
    ii. L-attur rega' beda jirregistra dhul min-negozju.
    iii. Zdied il-konsum tad-dawl u ilma.

[1] Ara *statement of account* a fol. 99. Fis-27 ta' Awissu 1999 kienu nqraw il-meters tal-ilma u dawl u minn dak iz-zmien kien biss fid-9 ta' Awissu 2004 li regghu nqraw.

Minn dak iz-zmien hu evidenti li l-appellant kien rega' fetah in-negozju. Pero' dawn il-fatti ma jissanawx dak li gara qabel, u li wasslu ghal decizjoni tal-Bord li tfisser li l-kirja ma tiggeddidx iktar.

15. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi wkoll li kien hemm perjodu twil fejn il-hanut ma kienx qieghed jinfetah u l-intimat naqas milli jressaq provi sodisfacenti li kien hemm gustifikazzjoni xierqa ghal tali fatt.

16. Jirrizulta wkoll li b'kuntratt tal-4 ta' April, 2016 pubblikat min-nutar Dr Patricia Hall, Tyrone Bileci xtara minghand uhud mir-rikorrenti tlett kwarti (3/4) indivizi mill-fond oggett tal-kawza. Ghalhekk illum il-kwistjoni li ghandu l-intimat hi biss mal-werrieta ta' Mary Theuma. Imbaghad fil-31 ta' Ottubru, 2016 l-appellant ipprezenta nota li biha ddikjara li kien qieghed icedi l-appell limitatament fir-rigward ta' Tyron Bileci. Pero' dan il-fatt flimkien mal-akkwist li sar fl-4 ta' April, 2016 mhu ta' ebda konsegwenza ghas-sentenza tal-Bord jew ghall-appell.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant. Il-perjodu stabbilit mill-Bord ghall-izgumbrament tal-intimat jiddekorri mil-lum**.

Anthony Ellul.